NATIONAL STATISTICS OFFICE • MALTA

24 ta' Mejju 2018

**Kjarifika għall-istatistika mill-istqarrija dwar *Regional Labour Supply* kif ikkwotata fl-Orizzont**

Sur Editur,

B'referenza għall-artiklu ntitolat, "Distinzjoni Ċara", ippublikat fil-ġurnal *L-Orizzont* nhar it-22 ta' Mejju 2018, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika xtaq jiġbed l-attenzjoni għal xi inkorrettezzi fl-artiklu msemmi.

L-artiklu jgħid li, "Mill-2012 'l hawn, l-għadd ta' residenti Għawdxin li jaħdmu full-time żdied b'2,106.". Il-figura msemmija tirreferi għan-numru ta' impjegati kemm *full-time* kif ukoll *part-time* b'dan ta' l-aħħar ikun is-sors ewlieni tad-dħul.

Aktar 'l isfel fl-istess paragrafu jingħad li, "Fil-fatt fl-aħħar erba' snin, l-għadd ta' impjiegi full-time f'Għawdex zdied b'1,481.". Għal darb'oħra, din il-figura tirreferi għan-numru ta' impjegati kemm *full-time* kif ukoll *part-time* b'dan ta' l-aħħar ikun is-sors ewlieni tad-dħul.

L-istess jingħad għal figuri li jidhru fil-paragrafu li jibda, "Fost l-aktar setturi fejn inħolqu impjiegi ġodda f'Għawdex". Ta' min isemmi li l-figuri msemmija jkopru l-perjodu bejn l-2012 u l-2016.

Intant, il-figuri ta' 544 u 143 imsemmija fil-paragrafu li jibda, "Mentri l-Oppożizzjoni tipprova toħloq..." li qed jirreferu għaż-żieda f'impjiegi fuq bażi *full-time* fir-reġjun ta' Għawdex u Kemmuna huma nkorretti. Dawn iridu jkunu 451 u 98 rispettivament.

Fl-aħħar nett, l-Uffiċċju jixtieq jagħmel enfasi rigward l-użu korrett tat-terminoloġija:

Figuri li jindikaw xogħol f'termini ta' persuni mpjegati (*employment in persons*) jirreferu għan-numru ta' impjegati kemm fuq bażi *full-time* kif ukoll *part-time,* b'dan tal-aħħar ikun is-sors ewlieni tad-dħul.

Figuri li jindikaw xogħol f'termini ta' impjiegi (*employment in jobs*) jinkludu mpjiegi fuq bażi *full-time*, kif ukoll fuq bazi *part-time (irrispettivament jekk humiex is-sors ewlieni tad-dħul)*. Għalhekk, wieħed jista jinnota li x-xogħol f'termini ta' mpjiegi (*in jobs*) huwa aktar minn dak ta' persuni mpjegati (*in persons*), d-differenza tkun l-element tal-*part-time* meta dan ma jkunx is-sors ewlieni tad-dħul.

Grazzi bil-quddiem tal-attenzjoni.

Silvan Zammit
obo/l-Aġent Direttur Ġenerali

**National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000, Malta**
t. +356 2599 7000 | f. +356 2599 7205 | e. nso@gov.mt | w. www.nso.gov.mt